MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 184/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Mallia talli fid-19 ta' Frar 2006 ghall-habta ta' 22.45 hrs u fix-xhur immedjatament qabel din id-data u cioe` bejn it-2 ta' Dicembru 2005 u id-19 ta Frar 2006 b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:-

(1) Fl-imsemmija xhur, post u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' martu Therese Mallia sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmlilha hsara;

(2) Fl-istess zmien, post u cirkostanzi ghamel lil haddiehor u cioe` lil martu Therese Mallia ingurji u theddid mhux imsemmijin banda ohra f'dan il-kodici jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazjoni;

(3) Fid-19 ta' Frar 2006 ghal-habta ta' 22.45 hrs gewwa l-fond Flt 12, Blk B, St. Julians, Triq Sur Fons, San Giljan hebb kontra martu Therese Mallia u kkagunalha offiza ta' natura hafifa, skond ma ccertifika Dr A. Agius MD mill-Gzira Health Centre;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Therese Mallia sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, biex flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat torbot lill-imsemmi Anthony Mallia b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' soma flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza preliminari tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel zewg imputazzjonijiet bhala preskritti u, wara li semghet ix-xiehda ta' Therese Mallia, b'sentenza finali sabet lill-imsemmi Anthony Mallia hati tat-tielet imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50.00) u, a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9, obbligatu li ma jimmolestax lill-imsemmija Therese Mallia ghal perijodu ta' sena taht penali ta' mitt liri Maltin(Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Mallia pprezentat fit-22 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie liberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti li sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u ordnat l-obbligazzjoni a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghal perijodu ta' sena taht penali ta'

mitt liri Maltin (Lm100), u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta' Therese Mallia;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ghalkemm il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku, dan ma giex ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah, u fix-xiehda taghha Therese Mallia ma kkonfermatx il-griehi li allegatament sofriet a kawza ta' l-agir allegatament imputabbli lill-appellant; (2) Therese Mallia fl-ebda waqt ma xehdet illi xi att li seta' wettaq l-appellant ikkawzalha griehi "ta' natura gravi" (*sic!*). Dak li qalet kien illi d-daqqa li kellha f'wiccha saret peress li kienet laqtet wiccha.

Dawn l-aggravji bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi, apprezzament li din il-Qorti setghet taghmel anke peress illi semghet mill-gdid l-unika xhud tal-prosekuzzjoni stante li x-xiehda taghha quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta.

Issa, permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jippremetti illi c-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni ma giex ikkonfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah. Fil-fatt huwa minnu illi l-prosekuzzjoni ma pproducietx it-tabib in kwistjoni (certu Dr. A. Agius li ismu jidher anke fil-lista tax-xhieda fuq il-komparixxi). Izda, kif intqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri** deciz fil-15 ta' Gunju 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta:

**"skond gurisprudenza kostanti ricenti, mhux necessarju li sabiex issir l-prova ta' offiza, 'per se', hemm bzonn ta' certifikat mediku jew tax-xiehda tat-tabib li jkun rrilaxxja tali certifikat. Tali certifikat u xiehda tat-tabib huma mehtiega f'kaz li hemm xi kontestazzjoni rizultanti minn xhieda jew cirkostanzi**

**ohra dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta’ dik l-offiza.”**

Fil-kaz in ezami l-unika xhud kienet Therese Mallia, peress illi l-appellant – kif kellu kull dritt jaghmel – ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti. Skond din ix-xhud, kien hemm divverbju bejnha u l-appellant u l-appellant imbuttaha u habtet wiccha mal-koxxa ta’ bieb. Wara dan l-incident hija marret c-Centru tas-Sahha tal-Gzira fejn gie rilaxxjat ic-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni (a fol. 5). Fuq dan ic-certifikat hemm miktub *“tenderness over L mandible”*. Din il-Qorti nnutat illi waqt li Therese Mallia kienet qed tixhed quddiem din il-Qorti, hija indikat b’idejha proprju n-naha tax-xellug ta’ wiccha biex turi fejn kienet weggghet.

Kontra x-xiehda ta’ Therese Mallia m’hemm l-ebda prova kontrarja – l-appellant fil-fatt ma ghandu l-ebda prova biex jissostanzja dak li qal fir-rikors ta’ appell tieghu – u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddubita l-verzjoni li tat l-imsemmija Therese Mallia. Ghalhekk hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi li kellha quddiemha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma kemm is-sentenza preliminari kif ukoll is-sentenza appellata fl-intier, b'dan li l-obbligazzjoni skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9, stante li ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------